MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Numru. 399/2005

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)

vs

Etienne Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Etienne Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 84077M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'xi gurnata bejn id-29 ta' Lulju 2003 u l-1 ta' Awissu, 2003 f'Hal-Qormi ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom numri ta' registrazzjoni ta' vettura numru IAS 318 minn fuq vettura ta' l-ghamla Ford Transit liema serq huwa

kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta’ Angelo Farrugia;

U aktar talli nhar l-1 ta’ Awissu 2003 u fil-jiem ta’ qabel din id-data gewwa diversi mkejjen f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f’idu jew fuqu, arma tan-nar u/jew manutenzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr armi regolari kif ukoll munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli, fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li gie fil-pussess ta’ l-istess arma tan-nar u / jew munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a *folio* 11 tal-process) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghat lill-imputat fuq imsemmi iwegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit jirregistra ammissjoni ghat-tieni, t-tielet u r-raba’ akkuza u dan waqt li kien qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (6), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-knsegwenzi legali ta’ dik it-wegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni teighu.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat ghat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza ssib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi. Peress li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-ewwel u t-tieni akkuza inghataw bhala sostitut ta' wahda lill-ohra tastjeni milli tieh konjizzjoni ta' l-ewwel akkuza u tilliberah minn din l-akkuza u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 334 (a), 271, 281 (a) tal-Kapitlu 9 u l-Artikoli 5 (1) u 41 tal-Kapitlu 480.

Il-Qorti kkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fedina penali netta ta' l-imputat u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u jidrilha li jkun ghaqli li l-imputat jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17 (3) u 28 A tal-Kapitlu 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif diga' ntqal ghall-prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkmmetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kapitlu 480 u 23 tal-Kapitlu 9 tordna l-konfiska u distruzzjoni ta' l-oggetti formalment esebiti fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006 u ndikata fir-ritratti mmarkati bhala Dok. CP 1 u tordna wkoll il-konfiska tan-*number plates* formalment esebiti fis-6 ta' Dicembru, 2006 u d-distruzzjoni taghhom wara li jigi verifikat mill-Ufficjal Prosekutur li nhargu *number plates* godda lid-derubat Anglu Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------